MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Awwissu, 2010

Numru. 773/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Therese Sciberras]**

**vs**

**Sandro Mifsud**

**Illum, 16 ta’ Awissu 2010**

**Kumpilazzjoni Numru: 773/2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Sandro Mifsud, ta’ 37 sena, iben Michael u Maria nee Azzopardi, imwieled Pieta’ fit-13 ta’ April, 1973, residenti No 12 Flat no 6 St

Publius Street, St Paul's Bay u detentur ta' karta ta' identita b' numru 199673M.

Akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer u cioe Bugibba San Pawl il-Bahar fil-22 ta' Lulju, 2010 f' xi hin irrenda ruhu komplici f' serq liema serq huwa ta' valur aktar minn €23.30 u inqas minn €2300 ghad-detriment ta' terzi persuni liema serq huwa kkwalifikat bil-valur.

U aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu ta' sentenzi mposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija tqis lill-imputata bhala li sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli 42, 49, 50, 261(c), 267 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba akontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati u l-

fedina penali tieghu. Min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat beda jindirizza l-problema li ghandu b'l-abbuz tad-droga u ilhu dawn l-ahhar xhur "clean". Fil-fatt jidher lil dawn il-kambjamenti qed isieru kemm ilu f'kuntatt ma' ufficjal ta' probation li giet assenjata lilu ricentement in konessjoni ma kaz iehor.

Illi l-Qorti hija disposta taghti l-ahhar opportunita lill-imputat biex huwa verament jirriabilita ruhu u jeghleb il-vizzju tad-droga effettivament. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija disposta thalli lill-imputat taht il-kontroll ta'ufficjal tal-probation b'l-ghan li huwa jkompli fit-triq tar-riabilitazzjoni. Ghalhekk il-Qorti ser tpoggi lill-imputat taht ordni ta'probation b'numru ta' kundizzjonijiet inkluz dik li jibda u jsegwi sa tmienu program residenzjali ta' riabailitazzjoni. L-imputat, anke fis-sottomissjonijiet li saru, wera l-hsieb li jista' jsegwi programm mhux residenzjali pero l-Qorti hija konvinta li wahdu, minghajr l-attenzjoni professjonali kontinwa li joffri programm residenzjali, l-imputat facilment jerga jaqa' ghal dan il-vizzju.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 42, 49, 50, 261(c), 267 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dawk li jibda u jkompli sa tmienu programm ta' riabilitazzjoni.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputat ir-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija u jekk jikkometti reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti qed tordna ukoll in-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficju tal-Probation biex jigi nominat ufficjal

ghas-sorveljanza ta’l-imputat; ghal dan il-ghan il-Qorti tirrakkomanda li anke f’dan il-kaz tigi nominata l-ufficjal gja assenjata lilu cioe l-ufficjal tal-Probation Miriam Sevasta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------